**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL LL.D.

### SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 23 TA' MEJJU, 2002

**Numru: 14**

**Avviz Nru: 86/02 AE**

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Peter Caruana abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Peter Caruana**

**Vs**

**Olaf Gauci**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta’ erbgha mija u sebgha u sebghin lira Maltija u sitta u ghoxrin centezmu (Lm477.26) li jirraprezentaw danni sofferti mill-attur Peter Caruana, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta attrici Fogg Insurance Agencies Limited, skond poliza tat-tip comprehensive, salv ghal excess ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltija imhallas mill-istess Peter Caruana, bhala rizultat ta’ l-incident tat-traffiku li sehh fl-10 ta’ Jannar 2001 ghall-habta ta’ 9.45 a.m. gewwa x-Xatt, Msida bejn il-vettura propjeta ta’ Peter Caruana bin-numru BBE 174 u l-vettura misjuqa mill-kovenut bin-numru DBY 453.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deheru ghas-seduti.

Semgha x-xhieda moghtija mill-attur.

Mill-provi li tressqu jirrizulta li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fl-10 ta’ Jannar 2001 ghal habta tal-9.45 a.m. gewwa x-Xatt, Msida. Kien il-konvenut li invada l-karreggjata li minnha kien ghaddej l-attur fil-hin ta’ l-incident, liema manuvra fil-fehma tat-Tribunal saret minghajr ix-xufier tal-vettura bin-numru DBY 453 ma kienx qieghed izomm *“a proper lookout”*.

Fir-rigward tad-danni reklamati, dawn gew sodisfacentement pruvati.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' erbgha mija u sebgha u sebghin lira Maltija u sitta u ghoxrin centezmu (Lm477.26), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali.

L-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenuti.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**